MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 1334/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Nicholas Curmi Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Curmi Cassar**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Vincent u Julia xebba Cachia, imwieled Pietà nhar it-2 ta' Jannar 1983, residenti 167, Triq Santa Margerita, Siggiewi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 60583 (M), akkuzat talli ghall-habta tas-14.00 ta' wara nofsinar, nhar it-30 ta' Novembru 2012, gewwa l-Belt Valletta:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) imma mhux aktar minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69) u cioé fuq mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru HBF 524;

2. ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioé PC 202 J. Grech, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz;

3. m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu;

4. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

5. ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti liema kliem kien jikkonsisti f'espressjonijiet ta' dagha;

6. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "D" – *a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 53 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**I**lli l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed **Richard Saliba** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-30 ta' Novembru kellu l-mutur tieghu bin-numru ta' registrazzjoni HBF 524 pparkjat fil-parkegg ta' hdejn Kastilja u li f'hin minnhom mar il-*parker* ta' fejn Kastilja fejn jahdem hu (Saliba) u qallu li l-mutur kien twaqqa' u saritlu xi hsara. Jghid li xi xufiera ta' taxis qalulu li kien hemm xi studenti li kienu gradwaw u wiehed minnhom ta daqqa ta' sieq il-mutur u qalbu. Jghid li ndika lill-Pulizija tlitt persuni li qalulu li kienu kagun u halla f'idejn dan il-Pulizija. Jispjega li wiehed minn dawn it-tlitt persuni kien l-imputat. Jghid li mar l-Ghassa jaghmel rapport. Ezebixxa tlitt dokumenti rigward il-hsarat kagunati fuq il-mutur tieghu, liema dokumenti gew immarkati minn Dok. "RS 1" sa "RS 3" (*a fol.* 21 *et seq.*). Jixhed li l-hsarat kienu globalment jammontaw ghal € 150. Jghid: *"minn € 101 telghu € 114 ghax kienu damu xi xahar"* (*a fol.* 18). Jghid li mhux qed jitlob rizarciment ghal dak li jirrizulta minn Dok. "RS 3".

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jikkonferma jekk kienx hemm xi hadd li specifikament ipponta lejn l-imputat u qallu li kien hu, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li kien hemm xi xufiera tat-taxis li qalulu hekk u anke mesaggier li jahdem fil-Borza ta' Malta. Jghid li xi hadd qallu li sema l-isem "Silvio" jissemma. Jghid li qalulu li kienu tlieta li kienu nvoluti pero min ra kollox ma kienx ghadu ra lill-imputat u x'hin rawh qalulu li kien hu. Jghid li kien hemm aktar nies lebsin flokkijiet bojod.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PC 1024 Jeffrey Rizzo** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn qal li fit-30 ta' Novembru 2012 kien xoghol ghassa Kastilja. Jghid li xi hin mar persuna fuqu u mmarkalu zewg persuni li qalbulu l-mutur tieghu. Jispjega li x'hin mar jitkellem ma' dawn il-persuni, wiehed minnhom qallu li kull

ma kien ghamel kien illi gabar il-mutur. Meta mistoqsi jghid jekk jaghrafx fl-awla lil dan il-persuna li qal dan il-kliem jghid li ma kienx qed jarah. Jghid li l-persuna l-ohra kien l-imputat li ma setghax jikkomunika mieghu ghax kien fi stat ta' sakra. Jghid li hekk kif waslet il-vettura tal-Pulizija mill-Ghassa biex tigbor lill-imputat, l-imputat harab jigri u grew warajh sakemm qabduh f'nofs Triq Gilormu Cassar u arrestawh. Jghid li l-imputat ddahhal gol-vettura u f'hin minnhom l-imputat ipprova jigdem lil PC 202. Jghid li l-imputat beda jirrezisti milli jidhol fil-vettura u beda jaghti bis-sieq.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PC 202 Jesmond Grech** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-30 ta' Novembru 2012 waqt li kien xoghol kien sar kuntatt minn PC 1024 peress li kellu bzonn assistenza. Jghid li PC 366 u hu (PC 202) marru bil-vettura fejn kien PC 1024 u hekk kif kienu ser javvicinaw zewg persuni, li wiehed minnhom kien l-imputat, l-imputat harab jigri lejn Triq Gilormu Cassar. Jghid li PC 1024 mar jigri warajh u hu (PC 202) u PC 366 marru bil-vettura. Jghid li f'hin minnhom l-imputat waqaf u hekk kif kienu ser jersqu lejh, l-imputat rega' harab. Jghid li hekk kif hu (PC 202) kien ser jigi ezatt mieghu, l-imputat irrezista l-arrest u li b'xi mod irnexxielhom idahhluh fil-vettura. Jghid li l-imputat beda jaghti lilhom u jghajjarhom. Jghid li hu (PC 202) qaghad wara hdejn l-imputat u hekk kif kienu fil-vettura, l-imputat beda jaghtih bis-sieq u prova jigdmu. Jghid li meta waslu l-Ghassa, l-imputat nizel mill-vettura b'aggressivita kbira. Jghid li prova jimbuttahom u meta dahal fl-Ghassa beda jghajjarhom u joffendihom.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat ma tantx kien f'sensieh ghax beda jghid li kien qieghed San Giljan u mhux l-Ghassa l-belt Valletta. Mistoqsi jghid jekk l-imputat skuzax ruhu meta gie f'sensih, jghid li fl-ebda hin ma skuzu ruhu.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed **Crocefisso Debono** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li huwa messaggier fil-Borza ta' Malta u jghid li dakinhar tat-30 ta' Novembru 2012 kien ghadu kemm jipparkja l-vettura fil-parkegg fejn Kastilja u ra lil persuna taqleb mutur. Jghid li dan il-persuna kien flimkien ma' xi hadd iehor. Jghid li l-persuna li qaleb il-mutur kellu flok abjad u qalziet iswed u meta

nqaleb il-mutur, lil dan il-persuna, Debono qallu biex jigbor il-mutur ghax sidu kien jahdem Kastilja u li ghal xi raguni jew ohra dan il-persuna telaq l-hemm. Jghid li qal lill-*parker* biex imur ighid lil sid il-mutur. Mistoqsi jghid minn kien dan il-persuna li ra jwaqqa' il-mutur, ighid li probabilment kien l-imputat li ra fl-awla.

In kontro-ezami jghid li l-imputat ma kienx l-unika persuna li kien liebes flokk abjad pero kien hemm hafna ohra. Jghid li magenb l-imputat kien hemm tfajla wkoll.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **Martin Borg** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem fl-Armata u li huwa Surgent inkarigat mis-sigurta ta' Kastilja. Jghid li persuna kienet marret fuqu u qaltlu li kien nqaleb mutur ta' xi hadd li jahdem Kastilja u huwa gharraf lil Richard Saliba peress li jaf li jkollu l-mutur ipparkjat hemm.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kylie Borg** (*a fol.* 37 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha rigward dak li gara fit-30 ta' Novembru 2012. Tghid li meta l-imputat kien ittiehed l-Ghassa, hija nizlet fejn kien hu u tghid li l-imputat kellu riha ta' xorb qawwija hierga minnu. Tghid li l-imputat beda jidghi u jghajjat mal-Pulizija li kien hemm fl-Ghassa. Tghid li kien hemm ukoll certu Silvio Roberts li kien qieghed fil-kumpanija tal-imputat u peress li x-xhieda okulari ma kienux indikaw lil dan il-persuna li kien waqqa' l-mutur pero kienu ndikaw lill-imputat, Silvio Roberts gie mitkellem minnha u dan qalilha li ma kienx ra lill-imputat iwaqqa' il-mutur. Tghid li minhabba l-istat li kien fih l-imputat evitat li huwa jitla' tliet sulari tarag u minflok dahlitu f'kamra ohra li hemm fl-ewwel pjan. Tghid li wara xi hin l-imputat beda jonghos. Jghid li meta l-imputat ghamel kuntatt ma' martu qalilha li kien jinsab fl-Ghassa ta' San Giljan. Ghamlet riferenza ghal dokumenti mmarkati bhala Dok. "B" u "C" (*a fol.* 8 *et seq.*).

In kontro-ezami tghid li l-grupp ta' hbieb li kienu qeghdin jiccelebraw kienu kollha lebsin flokk abjad.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013, xehed **PS 206 Brian Aquilina** (*a fol.* 42 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatt minnu, li gie

ezebiet u mmarkat bhala Dok. "BA 1" (*a fol.* 44 *et seq.*). Jghid li meta l-imputat kien ittiehed l-Ghassa tal-belt Valletta kien jidher vizwalment li kien fi stat ta' sakra. Jghid li kien daqxejn aggressiv. Jghid li meta staqsa lill-imputat jekk kienx jaf fejn jinsab, wiegbu li jahseb li kien jinsab f'San Giljan. Jghid li x'hin wasal l-imputat l-Ghassa, sema dagha u ghajjat. Jghid li l-imputat kien daqxejn vjolenti.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehed l-imputat **Nicholas Curmi Cassar** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn qal li ma jiftakarx li waslu l-belt Valletta. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li kien il-belt Valletta, wiegeb fin-negattiv. Jghid li l-ewwel hin li jiftakar li kien il-belt Valletta kien meta hass il-manetti iebsin ma' jdejh u l-Pulizija qalulu li kien jinsab il-belt Valletta. Jghid li meta kellu l-manetti kien haseb li kien fl-Ghassa ta' Paceville. Jghid li l-ahhar memorja li ghandu kienet meta kien qieghed Paceville.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk jiftakarx xi haga mill-attitudni tieghu meta kien il-belt Valletta, wiegeb fin-negattiv. Ma jiftakarx minn kellmu. Jghid li wiehed mill-Pulizija qallu li l-imgieba tieghu ma kienetx wahda tajba. Jghid li dan l-istess Pulizija staqsieh jekk kienx gidem lil xi hadd u hu (Curmi Cassar) wiegbu li ma jafx li kien gidem lil hadd. Jghid li qallu li jekk gidem lil xi hadd talbu jahfirlu. Ma jiftakar l-ebda incident rigward mutur.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-isqarrija (Dok. "C" – *a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija nghatat wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat ighid li dakinhar tal-akkadut huwa kien qiehed jiccelebra minhabba l-gradwazzjoni. Jghid li ltaqa' ma' shabu Ta' Qali ghad-09.45am. Jghid li xorob ftit mhux hazin pero jghid li mhux tal-ghageb. Jghid li ftakar li kien tas-Sliema, San Giljan, l-Msida u Birkirkara. Mistoqsi jghid jekk jafx li dahlu l-belt Valletta, wiegeb fin-negattiv. Jghid li jiftakar li qam ghax kienu qed iweggugh il-manetti. Ma jiftakarx kif spicca l-Ghassa. Ma jiftakarx li f'hin minnhom kien hdejn Kastilja. Ma jiftakarx li waqqa' l-ebda mutur u anqas li harab jigri lill-Pulizija u li qabduh. Ma jiftakarx li rrezista lill-Pulizija tant li gidem Pulizija f'idu. Ma jiftakarx li kien

qed joffendi lill-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk jafx xi hsara ghamel fuq il-mutur li waqqa', jghid li ma ghandux idea pero jghid li kien lest li jhallas lil sid il-mutur ghall-hsara li ghamel u jiskuza ruhu mieghu u mal-Pulizija. Jghid: *"Ma baqali xejn x'inzid hlief li nerga' niskuza ruhi mal-Pulizija tal-imgieba rresponsabbli b'effett tax-xorb"* (*a fol.* 11).

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma pjuttost semplici. Jirrizulta li l-imputat kien qed jiccelebra ma' shabu minhabba l-gradwazzjoni taghhom, sabu ruhhom il-belt Valletta wara li kienu zaru postijiet ohra, u f'hin minnhom l-imputat waqqa' l-mutur tal-parti leza, ikkawzalu l-hsara fih u meta kien qed isir l-arrest tal-imputat, l-imputat allegatament kiser provedimenti ohra tal-Kodici Kriminali li qed jigi akkuzat bihom.

Illi minn dak li semghet il-Qorti, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li ghal xi raguni jew ohra kkawza hsara fil-mutur tal-parti leza. Id-difiza ggib bhala difiza taghha l-fatt li l-imputat kien fi stat ta' sokor u b'hekk ma kellux rikonoxximent tat-tajjeb u l-hazin u b'hekk ma setghax jifforma l-intenzjoni specifika jew generali u ghalhekk issostni li l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Id-difiza taghmel riferenza ghal Artikolu 34(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. *Da parte* taghha, il-Prosekuzzjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li l-imputat kien fis-sakra, issostni li hija ma temminx li l-imputat ma ftakar xejn.

Illi jkun opportun f'dan l-istajdu li l-Qorti taghmel riferenza ampja ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Camilleri** deciza fis-6 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi din il-materja ta' sokor hija kkontemplata fl-artikolu 34 tal-Kap. 9 u s-subartikoli tieghu. Bhala regola generali, l-artikolu 34(1) tal-Kap. 9 jiddisponi li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali. L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali jinsabu fis-subartikoli sussegwenti ta' dan l-artikolu 34(1), u *qua* eccezzjonijiet, dawn ghandhom jigu interpretati u

applikati ristrettivament u salv li jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet hemm espressament stabbiliti. Kundizzjoni minnhom hi li l-akkuzat ikun fi stat ta' sokor mhux volut, dak imsejjah accidentali, cjoé, bla ma ried hu, bl-ghemil doluz, jew negligenti ta' haddiehor. Din hi l-kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruhha l-ewwel eccezzjoni ghar-regola generali msemmija li s-sokor mhux eccezzjoni ghall-akkuza kriminali, u hi espressa fl-artikolu 34(2)(a) tal-Kap. 9. [...]

Eccezzjoni ohra ghar-regola generali hija dik ikkontemplata fl-artikolu 34(2)(b) tal-Kap. 9 fejn minhabba s-sokor tieghu, l-akkuzat kien fi stat ta' genn, kemm temporanjament u kemm le, filwaqt li kien qed jikkometti r-reat in kwistjoni. [...]

L-eccezzjoni taht is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9 ukoll ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex din tirreferi u hi applikabbli biss f'kaz li tigi accettata l-eccezzjoni taht is-subartikoli (a) u (b) ta' l-artikolu 34(2) tal-Kap. 9, li kif ga' ntqal, ma japplikax ghal dan il-kaz.

L-ahhar eccezzjoni hi dik taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9, li jghid li l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kinitx iffurmat l-intenzjoni, specifika jew xort'ohra li minghajrha ma kinitx tkun hatja ta' reat. Skond din il-Qorti, jidher li l-Ewwel Qorti waslet biex tillibera lill-appellat Mario Camilleri mill-akkuzi taht l-artikolu 95 u 96 tal-Kap. 9 a bazi ta' din l-eccezzjoni, u mhux a bazi ta' l-artikolu 34(2)(a)(b) tal-Kap. 9. Dan hu ghaliex l-artikolu 34(2)(a)(b) tal-Kap. 9 jitkellem biss fuq zewg ipotesijiet biex tirnexxi din l-eccezzjoni: u cjoé: (a) li l-istat ta' sokor ma jkunx wiehed volut, u (b) li minhabba dan l-istat ta' sokor, l-akkuzat kien fi stat ta' genn, anke jekk temporanjament, waqt li kien qed jikkommetti r-reat. Gà gie rrilevat li dawn iz-zewg kundizzjonijiet ma jirrizultawx lil din il-Qorti fil-kaz in ezami.

Illi anke mill-istess dicitura fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fis-sentenza appellata ta' l-Ewwel Qorti, jidher car li dik il-Qorti accettat l-eccezzjoni ghall-istat ta' sokor volut ta' l-appellat taht l-artikolu 34(4) tal-Kap. 9. fil-fatt, dik il-Qorti qalet hekk: *"Din il-Qorti hi tal-fehma li l-istat ta' sokor ta' l-imputat kien tali li mpedielu l-percezzjoni u gudizzju siewi dak li kien qed jaghmel".* Cjoé, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minhabba l-istat ta' sokor li l-appellat kien fih, hu ma setax jifforma l-intenzjoni specifika, jew xort'ohra, biex ikun hati tar-reati li ghamel. U dan hu ezattament dak li jghid dan l-artikolu 34(4) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat

Illi minkejja li gie ppruvat bla dubbju ta' xejn li l-appellat kien fi stat ta' sokor volut minnu, wiehed, qabel ma jaccetta l-eccezzjoni ghar-regola generali li stat ta' sokor mhux difiza, u senjatament taht l-artikolu 34(4) tal-Kap. 9, ghandu ukoll jara u jezamina ulterjorment jekk minkejja dan l-istat ta' sokor jew stat iehor approssimattiv, li forsi seta', b'xi mod, jinnewtralizza l-possibilità ta' intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilità ta' intenzjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-appellat kienx fi stat li ma setax ikollu l-kapacità li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari, izda kellu l-kapacità li jifforma intenzjoni ghal reat iehor".

Illi fin-notamenti tieghu, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk (*a fol.* 92-93):

*"intoxication must be taken into account for the purposes of determining whether the accused had formed any intent, whether specific or otherwise, in the absence of which he would not be guilty of the offence. We have alrady seen that all wilful crime generally and, exceptionally, certain contraventions, require the concurrence of a wrongul intent and that some particular crimes require a <u>specific</u> intent. Now intoxication which so obscures the mind as to render the person incapable of forming the requisite specific or generic intent or which shows that he did not in fact form such an intent, is a defence to the*

*offence charged: it affords a defence for the 'actus reus' by being evidence that no guilty state of mind existed. The more complex the intent required by the definiciton of the particular offence, the more likely is drunkenness to be useful in disproving the presence of some element requisite to it".*

**Ikkunsidrat**

Illi wara li saret l-espozizzjoni legali t'hawn fuq, ikun opportun issa li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali rigward l-istat ta' sokor tal-imputat:

- PC 1024 Jeffrey Rizzo (*a fol.* 24 *et seq.*), li kien wiehed mill-ewwel ufficjali tal-Pulizija li avvicina lill-imputat u pprova jkellmu, qal li ma setax jikkomunika mal-imputat peress li kien fi stat ta' sakra.

- PC 202 Jesmond Grech (*a fol.* 27 *et seq.*) ighid li l-imputat ma tantx kien f'sensieh ghax beda jghid li kien qieghed San Giljan u mhux l-Ghassa l-belt Valletta.

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Kylie Borg (*a fol.* 37 *et seq.*) filwaqt li tghid li l-imputat kellu riha ta' xorb qawwija hierga minnu, tghid ukoll li minhabba l-istat li kien fih l-imputat meta ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija, hija evitat li huwa jitla' tliet sulari tarag u minflok dahlitu f'kamra ohra li hemm fl-ewwel pjan. Tghid li wara xi hin l-imputat beda jonghos. Tghid li meta l-imputat ghamel kuntatt ma' martu qalilha li kien jinsab fl-Ghassa ta' San Giljan.

- PS 206 Brian Aquilina (*a fol.* 42 *et seq.*) xehed li meta l-imputat ittiehed l-Ghassa tal-belt Valletta kien jidher vizwalment li kien fi stat ta' sakra. Jixhed li meta staqsa lill-imputat jekk kienx jaf fejn jinsab, wiegbu li jahseb li kien jinsab f'San Giljan.

- L-imputat (*a fol.* 50 *et seq.*) xehed li ma jiftakarx li waslu l-belt Valletta u li l-ewwel hin li jiftakar li kien il-belt Valletta kien meta hass il-manetti iebsin ma' jdejh u l-Pulizija qalulu li kien jinsab il-belt Valletta. Jghid li originarjament haseb li kien fl-Ghassa ta' Paceville u li l-ahhar memorja li kellu kienet meta

kien qieghed Paceville. Ma jiftakarx x'ghamel meta kien il-belt Valletta.

- Fl-isqarrija (Dok. "C" – *a fol. 9 et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat ighid ukoll li ma jafx li kien mar il-belt Valletta ma' shabu. Ma jiftakarx kif spicca l-Ghassa u ma jiftakarx x'ghamel meta kien il-belt Valletta.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq, cioé dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Camilleri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li minkejja l-istat ta' sokor volut tal-appellat, l-appellat kien fi stat li seta' jiftakar certa dettalji rilevanti u determinanti, kif nghad minnu stess fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti tghid hekk:

> "Hu evidenti li fil-mument ta' dan l-incident mal-Pulizija, l-istat ta' sokor ta' l-appellat, minkejja li kien wiehed volut minnu, ma kienx ghadu wasal sa dak il-grad li seta' jimpedilu li jifforma intenzjoni specifika, jew xort'ohra. Fl-Appell Kriminali per Onor. Imhallef W. Harding deciza 7 ta' Frar, 1958, fl-ismijiet **The Police vs. Peter William Clarke et**, intqal hekk mill-Qorti: *"With regard to the plea of intoxication, it is true that where a specific intent is essential to constitute a crime, evidence of drunkeness rendering the accused incapable of forming that intent should be taken into consideration, together with other facts proved, in order to determine whether or not such intent existed. It has long been an accepted principle, <u>however</u>, that evidence of drunkeness falling short of this, and merely establishing that the mind of he accused was affected by drink so that he more readily gave way to some violent passion, does not rebut the presumption that a man intends the natural consequences of his actions"*.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti tinnota li mhux talli l-imputat kien fi stat ta' sakra talli fil-hin tal-kommissjoni tal-

imputazzjonijiet addebitati lilu, l-imputat ma kienx jaf x'qed jaghmel. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija sodisfatta li tenut kont tal-istat ta' sokor tal-imputat, l-imputat ma kienx fi stat li seta' jiftakar certa dettalji rilevanti u determinanti u hu ma kienx jaf x'qed jaghmel minhabba dan l-istat ta' sokor. Tant dan jirrizulta li l-imputat lanqas kien jaf li spicca l-belt Valletta u sahansitra haseb li kien l-Ghassa ta' San Giljan meta safa arrestat. Jinghad li fl-Appell Kriminali deciz fis-27 ta' Novembru 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Micallef et**, gie ritenut li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilità, barra milli s-sokor, irid dan ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjetà ta' l-att kostitwenti r-reat.

Illi, mill-assiem tal-provi prodotti u mill-espozizzjoni legali li saret hawn fuq, il-Qorti hija sodisfatta li l-kundizzjoni kontemplata fl-Artikolu 34(4) tal-Kapitolu 9 giet sodisfatta u b'hekk ghandu jkun applikat dan l-artikolu. Il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi jirrizulta b'mod inekwivoku li fil-mument tal-kommissjoni tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, l-imputat wasal ghal dak l-istat ta' sokor previst mil-ligi li jeskludi l-*mens rea*. Jirrizulta li l-imputat ma kienx jaf x'qed jaghmel u jghid. Tenut kont ta' dan, l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, ghajr ghar-raba' (4) imputazzjoni li l-imputat ser jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikolu 34(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, u wara li rat Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Nicholas Curmi Cassar hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta' hamsin Euro (€ 50.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------